**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tat-3 ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru : 566/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MC**
**Vs**
**AC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MC datat 26 t'Ottubru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Frar 1999 ( Certifikat anness Dok A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett ulied, DC, JC u NC, illum kollha maggorenni;*
>
> *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-15 ta' April 2010 u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono. (kopja annessa Dok B)*
>
> *Illi m'hemm l-ebda prospett ragnevoli ghal rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*
>
> *Illi skont l-istess kuntratt il-partijiet kienu iddekadew mid-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin (klawsola 10).*

*In kwantu jirrigwarda l-ulied tal-partijiet hawn fuq imsemmija, dawn illum huma kollha maggorenni u jahdmu full-time u ghalhekk l-ebda manteniment ma huwa dovut ghalihom (klawsola 8).*

*Illi madankollu u minghajr preguduzzju ghall-premess, ir-rikorrenti qed tirriserva id-drittijiet kollha taghha in kwantu jirrigwarda hlas ta' arretrati ta' manteniment ghall-ulied li ghadu mhux imhallas mill-intimat.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma ntavola ebda risposta. Ghaldaqstant huwa kontumaci;

Rat illi akkordat lill-intimat il-fakolta li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fi zmien ghaxart ijiem ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12. (Vide Fol 35)

Rat illi minkejja dan, l-intimat baqa' inadempjenti.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi fil-verbal tas-17 t'April 2023 (Vide Fol 35), l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 16) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-6 ta' Frar 1999 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied, illum kollha maggjorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 15 t'April 2010 fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma ntavola ebda risposta jew sottomissjonijiet.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-***

***sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Frar 1999, liema zwieg jgib certifikat numru 93/1999 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied, illum kollha maggjorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono nhar il-15 t'April 2010 (vide Dok B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 93/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**